TRIBUNAL INDUSTRIJALI

Decizjoni Nru 313

KAZ NRU 394

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Anthony M. Bonello

u

Karta Converters Ltd.

dwar tkeccija mill-impieg allegata li hi ngusta

Data: 18 ta' Awissu, 1988

Chairman: Is-Sur Anthony J. Bartolo MIEEE, IEng, FIElecIE, MBIM, MIIM, MIM, FInstD.

1. INTRODUZZJONI

(1) Dan il-kaz gie mibghut quddiem it-Tribunal Industrijali mill-Onorevoli Ministru tax-Xoghol u Servizzi Socjali nhar it-28 ta' Jannar, 1986 skond il-provvedimenti ta' l-Artikolu 28 (2) ta' l-Att XXX ta' l-1976. Dan il-kaz huwa dwar tkeccija mill-impieg allegata li hi ngusta.

(2) It-Tribunal Industrijali zamm erba' u ghoxrin (24) seduta u ghamel access fuq il-post fit-18 ta' Novembru, 1986.

(3) L-Appellant, is-sur Anthony M. Bonello, kien irrapprezentat u assistit mis-Sur Richard A. Matrenza, DPE (OXON), FRES, MIM, Konsulent Industrijali.

Il-Kumpannija, Karta Converters Ltd, kienet irrapprezentata mis-sur Edwin Privitera, Managing Director li kien assistit mis-sur Fredrick Amato Gauci sat-tmientax (18) il-seduta u mis-Sur Alfred Fabri mid-dsatax (19) sa l-erbgha u ghoxrin (24) seduta.

2. <u>SOTTOMISSJONIJIET PRELIMINARI</u>

(1) Is-Sur Richard A. Matrenza, DPE (OXON), FRES, MIM, ghannom ta' l-Appellant, is-sur Anthony M Bonello, issottometta bir-rispett li l-kumpannija Karta Converters Ltd., li twieldet f'Jannar, 1973, hija komposta minn

| | |
|---|---|
| Denison Products Ltd | - 33 1/3% ta' l-ishma |
| Paper Products Co Ltd | - 33 1/3% ta' l-ishma |
| Fensons Products Ltd | - 33 1/3% ta' l-ishma |

L-appellant, minhabba l-interessi tieghu bhala azzjonist fil-Paper Products Co Ltd u b'rizultat ta' certi incidenti li graw, indipendenti minnu u minn ghemilu, sabiex jissalvagwardja dawn l-istess interessi kellu jhalli xoghol iehor 'full time' li kien qed jaghmel b'success u jinghaqad mal-Karta Converters Limited.

Ix-Xoghol tieghu mal-Karta Converters kien ta' livell ta' Direttur u l-qasam tal-hidma tieghu kien is-Suq, is-Sales, u il-Marketing.

Dan huwa mportanti li jissemma minhabba t-tahrig specjalizzat u snin twal ta' esperjenza li kellu l-appellant f'dan ir-rigward, qabel ma nghaqad mal-Karta Converters Limited.

Ghalkemm jidher mill-fatti u anki minn rapporti ta' esperti li kienu saru, l-attitudni professjonali ta' l-appellant u l-idea ta' tmexxija u amministrazzjoni ta' Diretturi ohra ma kienux fuq l-istess binarji, l-affarijiet imxew, b'xi mod jew iehor.

Tajjeb u gust li wiehed ifakkar illi <u>hadd</u> u <u>qatt</u> ma kien gibed l-attenzjoni ta' l-appellant illi huwa kien b'xi mod jew iehor, b'ghemilu, kien qed jippregudika il-Kuntratt tax-Xoghol tieghu.

Madankollu, f'Ottubru, 1984 graw zewg incidenti konnessi direttament u indirettament illi wasslu ghal konfrontazzjoni bejn il-Managing Director u s-segwaci tieghu u l-appellant.

Mill-provi tal-fatti mahlufa u dokumenti li se nesebixxu, nuru kif minghajr l-anqas l-izjed sistema elementari ta' procedura tajba kif wiehed jittratta kull relazzjoni ta' xoghol, lill-appellant, minghajr ic-cans li jkun jaf l-akkuza jew l-akkuzi kontra tieghu, minghajr process gust biex il-gustizzja mhux biss issir izda tidher li qed issir, u minghajr ic-cans u d-dritt li jiddefendi ruhu, sab ruhu mwarrab, isolat u mkecci minn ghajn importanti ta' ghixien tieghu.

Huwa ghaldaqstant, illi qed irressqu dan il-kaz il-ghaliex nemmnu li tkeccija kienet ingusta u kontra kull principju ta' relazzjonijiet industrijali.

Bir-rispett, ghalhekk wara li jkunu nstemghu u ngiebu l-provi tal-fatti, ahna jidhrilna li dan it-Tribunal ghandu jsib favur l-appellant u kontra l-principal. Ghandu wkoll, dan it-Tribunal jordna illi l-Principal ghandu jaghmel tajjeb ghad-decizjoni tieghu mghaggla u hazina, billi jhallas flejjes li fl-opinjoni tat-Tribunal l-appellant ikun tilef minhabba t-tkeccija. Kif ukoll somma ta' darba biss, u li tkun sostanzjali, biex tikkompensa lill-appellant ghad-danni kollha morali, socjali u psikologici illi huwa sofra u qed isofri kagun ta' l-imgieba tal-Principal.

(2) Is-Sur Fredrick Amato Gauci ghan-nom tal-Kumpannija, Karta Converters Ltd., issottometta bir-rispett li l-Kumpannija Karta Converters Limited giet iffurmata f'Jannar 1973 minn tlett gruppi ta' azzjonisti. It-tlett gruppi kienu ta' Denison Limited, Fensons Limited u Paper Products Limited. Fil-kaz tal-gruppi ta' Denison u Fenson ( li ma baqghux

.../4

jezistu bhala kumpannija), l-azzjonisti tal-Karta Converters huma sitt persuni u disgha persuni rispettivament, waqt fil-kaz tal-grupp ta' Paper Products din il-Kumpannija stess saret l-azzjonista ta' Karta Converters. Kull wiehed minn dawn it-tlett cippijiet ghandhom 15000 share fil-Karta Converters Limited u ghandhom id-dritt jinnominaw numru ugwali ta' diretturi.

Meta ffurmat il-Karta Converters dahal in vigore ftehim li sar bejn l-azzjonisti biex isiru dawn in-nomini ta' executive post holders:

| | | |
|---|---|---|
| Edwim Privitera | - | Managing Director |
| Charles Fenech | - | Factory Manager |
| Wilfred Privitera | - | Assistant Financial Executive |
| Norman Pace | - | Sales Manager |

Il-ftehim kien jghid wkoll li jekk Norman Pace jigi biex jitlaq mill-post, id-diretturi jekk huma jridu jinnomminaw lil haddiehor kellhom joffru l-post ta' Sales Manager lil Sebastian Fenech. Il-ftehim specifika li l-persuni nominati kellhom ikomplu fl-impieg taghhom mal-kumpannija sakemm jirrizenjaw jew sakemm ma jkollhomx l-impieg taghhom mitmum fuq provi li huma kkommettew xi offiza gravi hafna ghad-detriment tal-Kumpannija u b'vot ta' 75% tax-shareholding b'general meeting.

Sussegwentement Norman Pace spicca mil-post ta' Sales Manager, u Sebastian Fenech ghogbu ma jiehux postu. Il-Bord tad-Diretturi fil-laqgha taghha tal-25 ta' Lulju, 1974 offrew il-post lis-sur Anthony Bonello li accetta u beda l-impieg tieghu f'Settembru ta' l-istess sena.

Mill-bidu nett is-Sur Bonello wera li kien jirrizenti l-awtorita li kellu l-Managing Director. Biz-zmien ikkreat ruhha atmosfera ta' sfiducja bejn is-sur Bonello u s-sur

.../5

Edwin Privitera, il-Managing Director. Is-Sur Bonello wera li xtaq li jkollu awtonomija fid-dipartiment tieghu tas-Sales minghajr kontroll ta' hadd hlief il-Bord tad-Diretturi. Assuma ghalhekk minghajr l-awtorita tal-Bord it-titolu ta' Sales Director. Wera wkoll li ried irazzan l-awtorita' u jindahal fix-xoghol ta' l-executives l-ohra inkluz il-Managing Director. Ghal dan il-ghan heggeg li tidhol sistema ta' meetings perjodici ta' l-executives tal-Kumpannija imma l-"clashes" li rrizultaw fihom dawn il-meetings ma ppermettewx li jkomplu. Meta dan l-arrangament ma irnexxiex, is-Sur Bonello heggeg il-Bord biex tidhol sistema ta' tlett Managing Directors u sar studju fuq din il-proposta fl-1981. Il-Bord ikkonsidra ir-rapport matul 4 seduti, l-ahhar wahda fil-25 ta' Frar, 1982 u ma wasalx li jimplementa l-proposta li, in se, ma setghetx tholl id-diffikultajiet li kien hemm fil-kumpannija mhabba il-"personality differences" li kien hemm fit-top management. Is-sitwazzjoni ghalhekk baqghet sejra ghall-aghar bis-Sur Bonello jfittex dejjem il-passi ta' l-executives. Din waslet li l-Managing Director, is-Sur Edwin Privitera, kien obbligat jirraporta lis-sur Bonello lil-Bord tad-Diretturi fis-seduta tal-25 ta' Ottubru, 1984.

Il-Bord iddecieda li jissospendi lis-Sur Bonello milli jattendi fil-fabbrika imma li jkompli jithallas. Is-sospensjoni tbiddlet fi tkeccija b'decizjoni tal-Bord tad-19 ta' Dicembru, 1984. Minn dak iz-zmien 'l hawn ir-relazzjonijiet bejn il-membri tat-top management tal-Karta Converters Limited imxew harira.

3. XHIEDA

Minbarra l-Appellant, is-Sur Anthony Bonello u r-rapprezentant tal-Kumpannija, Karta Converters Limited, is-Sur Edwin Privitera,

Managing Director, xhedu:

Is-Sur Andrew Magri Overand
Is-Sur Charles Feneoh
Is-Sur Joseph Pace
Is-Sur Wilfred Privitera
Is-Sur Alfred Vassallo
Is-Sur Charles Zahra

li kienu prodotti mill-Appellant, is-Sur Anthony Bonello u l-kumpannija, Karta Converters Ltd.. Xhieda ohra prodotti mis-Sur Anthony Bonello kienu:

Is-Sur Charles Bonnici
Is-Sur Anthony Borg
Is-Sur Joseph Cassar
Is-Sur Joseph Feneoh
Is-Sur George Fenech
Is-Sur Sebastian Fenech
Is-Sur Saviour Fenech.

4. DOKUMENTI

Sitta u disghin (69) dokument gew ipprezentati quddiem it-Tribunal Industrijali li jinkludu s-Sottomissjonijiet Preliminari u Finali taz-zewg partijiet.

5. SOTTOMISSJONIJIET FINALI

(1) Is-Sur Richard A. Matrenza, DPE (OXON), FRES, MIM, Konsulent Industrijali, pprezenta s-sottomissjonijiet finali ta' l-Appellant, is-Sur Anthony Bonello u beda billi ssottometta quddiem it-Tribunal Industrijali il-kontenut

tas-Sottomissjonijiet Preliminari taz-zewg partijiet mill-gdid u kompla kif jidher hawn taht.

It-Tribunal mitlub ukoll jinnota bir-rispett kif ix-xhieda kollha li sejhet il-Kumpannija "dwar l-agir tas-Sur Bonello waqt li kien impjegat ta' Karta Converters Ltd u c-cirkostanzi li wasslu ghat-tkeccija tieghu" tat-bhala indirizz taghhom: c/o Karta Converters Limited.

Haga bhal din wehedha, ghalkemm tistona, tista' ma taghtix kaz taghha, izda meta tghaqqadha wkoll ma dak li kitbu lid-Direttur tax-Xoghol fit-28 ta' Ottubru, 1985 bil-fors li jitqanqlulek dubji serji.

Dan il-kaz ta' allegat tkeccija ngusta mill-impieg minn ma Socjeta' Limitata, jista' wiehed jirreferi ghalih bhala l-ezempju klassiku meta, minkejja li fil-faccata ta' quddiem tidher li l-Employer huwa 'Kumpannija' fir-realta' huwa bniedem wiehed biss li jmexxi u jrid imexxi kif irid hu.

Biex wiehed jifhem ahjar b'mod dokumentat dan il-punt irid jara t-tentattivi li saru mid-Direttur tax-Xoghol biex jirrikoncilja l-partijiet. L-ewwel, il-Managing Director, is-Sur Edwin Privitera, pogga bhala kondizzjoni 'sine qua non,' illi biex jiltaqa madwar mejda, dan kellu jsir bil-kondizz-joni illi l-appellant is-Sur A M Bonello ma kellux ikun prezenti ghal laqgha bhal din.

Dan gie accettat. Madankollu, waqt l-istess laqgha, is-Sur Privitera wera ostinazzjoni kbira meta qal quddiem id-Direttur tax-Xoghol li "Ghalih m'ghandux interess li jarah (lil A M Bonello) 'lura". Ghaldaqstant bhala formola biex forsi wiehed jasal isemma l-fatt illi peress li l-'employer' huwa kumpanija u din titmexxa minn Diretturi, kien xieraq u

sewwa li tissejjah laqgha ma dawn id-Diretturi biex tohrog il-fehma taghhom ukoll.

Minn dak li gie esebit quddiem dan it-Tribunal fis-seduta tas-17 ta' Frar, 1988(Dokumenti mehmuza) wiehed jista' facilment jara jekk hux is-Sur Bonello huwiex il-bniedem li "jirrizenti l-awtorita'" u ma jaccettax l-ordni li tohrog mill-gerarkija u l-qbil kollettiv jew xi hadd iehor, bhalma huma l-istess Managing Director kif jidher.

Il-Managing Director, is-Sur Edwin Privitera fli 'Statement of Case', u bil-gurament tenna din l-akkuza.

Dan huwa ezempju car illi, kif ighid il-qawl Malti:
"L-Ispizjar milli jkollu jaghtik"!

It-Tribunal ra wkoll u sema kif, xhud wara l-iehor li ttellghu mill-Kumpanija, meta taghsar dak li qalu ma kellhomx biex tassew jissustanzjaw l-akkuza hlief illi jsemmu allegazzjonijiet vagi. Wiehed ma tantx irid ikollu immaginazzjoni fertili biex jintebah illi dawn kienu orkestrati f'dak li qalu. Bejn wiehed u iehor dawn riedu jaghtu x'jifhem xi haga hekk: Bis-Sur Bonello ma saqajna hlief ghawg ma kellniex. Wara li spicca s-Sur Bonello 'kollox mexa harira' Bhal xejn ma riedux jaghtu x'wiehed jahseb serjament illi sahansitra l-indirizz tal-Kumpannija nbidel u sar 'Genna ta' l-Art' !

Il-verita' hija, li dan kollu kien l-eku ta' dak li qal diversi drabi bil-gurament, il-Managing Director, is-Sur Edwin Privitera.

Dan ifisser illi x-xhieda tieghu ghandha tinghata importanza kbira, specjalment meta l-akkuza ta' li 'Statement of Case' huwa mhux biss iffirmaha bhala formalita' fil-kariga tieghu imma sostna li jemmen f'dik l-akkuza.

.../9

L-istess importanza u portata trid tinghata ghal dak li qal - u kif fit-twegibiet tieghu mahlufa - l-appellant innifsu.

It-Tribunal zgur mhux se jonqos milli jaghti kaz serju ta' dan.

It-Tribunal mitlub, bl-akbar rispett, jinnota t-twegibiet ta' dawn iz-zewg persuni, meta jkun qed jistudja biex jasal ghad deliberazzjoni tieghu u jara min tabilhaqq kien qed ighid is-sewwa. Il-Principal li qatt, imkien u fl-ebda stadju tal-kaz ma ssostanzja l-akkuza tieghu? Tkeccija mill-impieg huwa kastig estrem fir-relazzjonijiet tax-xoghol. Dan jinghata biss wara li jkunu gew ezawriti proceduri stabbiliti dwar kif haddiem jigi akkuzat irrid jinghata l-opportunita' xierqa biex jiddefendi jew jiskolpa lilu nnifsu u li dan l-istess kastig estrem tat-tkeccija (li fil-fatt ma jfissirx ghajr illi bniedem tkun qed toqtlu ekonomikament) dan il-kastig tapplikah biss wara li jkunu ttiehdu mizuri ohra adekwati u li impjegat ikun baqa' fi triqtu hazina.

Minn dan kollu ma sar assolutament xejn fil-kaz ta' l-appellant.

Anzi, ghall-kuntrarju. Sar kollox bil-ghaggla. Horrox borrox. F'daghdiha u f'atmosfera illi zgur ma taghatx l-anqas l-icken skop ta' sembjanza ta' gustizzja. U dan johrog mill-istess xhieda tal-Managing Director meta spjega bil-gurament l-atmosfera kif saret is-seduta tas-sospensjoni, kif issejhet l-istess seduta, u kif eventwalment saret it-tkeccija.

Mhix biss, anzi minn dak li ntqal, inkiteb u nhalef fl-Statement of Case' ta' l-Employer, matul is-smiegh tal-kaz ma gietx sostanzjata akkuza wahda biss.

Barra minn dan, ahna perswazi illi dan l-Onorabbli Tribunal ta' Gustizzja zgur li ma naqasx illi jiehu in-konsiderazzjoni b'mod l-aktar serju, biex jevalwa l-kredibilita' ta' naha jew ohra.

In-numru ta' drabi illi l-istess Tribunal kellu jigbed l-attenzjoni tal-Managing Director, li kien qed jidher f'isem il-Kumpannija, ghal mod indekoruz illi gab ruhu quddiem l-istess Tribunal, ghandu jaghti indikazzjoni cara dwar il-karattru ta' l-appellant u min qed jakkuzah illi ma joqghod ghall-awtorita' ta' hadd u li jirrizenti lil min ikollu din l-awtorita'.

Ahseb u ara l-imgieba ta' din l-istess persuna (jigifieri il-Managing Director) kif tabilhaqq kienet fuq il-post tax-xoghol!

Meta wiehed jara l-kopja tal-Minuti tal-Laqgha tal-Bord tal-Karta Converters Limited fil-25 ta' Ottubru, 1984 (ipprezentatha mill-Kumpannija quddiem it-Tribunal fis-seduta tal-14 ta' Jannar 1987 fuq talba ta' l-istess Tribunal) u li tidher bhala Appendici Numru XXVII u jqabbel din il-verzjoni ma dak li nstema bil-gurament waqt is-smiegh tal-kaz, huwa mhux biss siewi izda wkoll evidenti kemm lill-appellant ma nghatalux cans xieraq ta' difiza, kif sarulu l-akkuzi, u kif dawn huma inkonsistenti fihom infushom kif ukoll meta mqabbla ma li'Statement of Case' ta' l-istess kumpannija.

L-irregolaritajiet tal-Principal ma l-impjegat (l-appellnat) tasal biex tghid li kienu bla limiti.

Kif jidher mill-affidavit tat-8 ta' Lulju, 1986 u esibit sahansitra "L-Principal qabad u ordna li jsiru bidliet sostanzjali fil-ktieb tax-xoghol tieghi Numru 020862. Fil-fatt hekk sar. Minghajr il-kunsens tieghi. Jien sirt naf b'dan zmien wara u b'kumbinazzjoni."

Jidher illi dawn l-irregolaritajiet kienu mhux biss isiru izda wkoll bil-barka tal-Managing Director, Edwin Privitera, tal-Production Manager Charles G Fenech u ta' Wilfred Privitera Acting Sales Manager, skond id-Dokument esebit fis-seduta ta' 19 ta' Settembru 1986.

Dan huwa dokument bankarju indirizzat lil Mid-Med Bank Ltd u bid-data 25 ta' Ottubru, 1984, fuq il-firma tal-persuni indikati fil-paragrafu ta' qabel dan.

Kif jaf diga dan it-Tribunal, jirrizenti l-awtorita' u jeccedi l-limiti kien l-istess Managing Director, is-Sur Edwin Privitera, illi sahansitra kien gie kundanat mill-Qorti Kriminali ta' Malta fit-8 ta' Novembru, 1985 (Dokument esebit fisseduta tas-26 ta' Novembru, 1987) billi "L-akkuza tirrizulta sodisfacentement. Tikkundanah minflok piena li ma jimmolestax lil Anthony Bonello fi zmien sena taht penali ta' mitt lira (Lm100)."

Biex wiehed ikompli jsemmi l-inkonsistenzi tal-Kumpannija meta tqabbel l-akkuzi migjuba, ix-xhieda mahlufa, u ghaliex spicca mix-xoghol, wiehed irid jara l-kopja ta' Certifikat ta' Temm ta' l-Impieg datat 22 ta' Frar, 1985 illi l-Kumpannija harget fuq talba, skond il-provvedimenti ta' l-artiklu 27 (1) ta' l-Att Nru. XI ta' l-1952.

Is-sottomissjonijiet taghna jkunu voluminużi kieku kellna nsemmu x'qalu xhieda diversi u li jikkontradixxu t-tezi tal-kumpannija biex tiggustifika din it-tkeccija.

Ahna perswazi illi dan it-Tribunal kien diga-nnota dan kollu waqt is-seduti.

Madankollu, huwa ferm mehtieg u f'waqtu illi nelenkaw siltiet pertinenti mix-xhieda ta' l-Appellant innifsu u tal-Manging Director, is-sur Edwin Privitera, biex dan it-Tribunal ikun jista' jqabbel kif wiegbu u tkellmu bil-gurament dawn iz-zewg persuni fuq l-istess punt jew punti mqajma.

Ahna perswazi illi t-Tribunal jiehu ferm inkonsiderazzjoni l-kredibilita' tal-fatti deskritti kif u minn min intqalu u t-twegibiet li nghataw.

Bir-rispett, ghalhekk wara li nstemghu u ngiebu l-provi tal-fatti, ahna jidhrilna li dan it-Tribunal ghandu jsib favur l-appellant u kontra l-principal.

Ghandu wkoll, dan it-Tribunal jordna illi l-Principal ghandu jaghmel tajjeb ghad-decizjoni tieghu mghaggla u hazina, billi jhallas flejjes li fl-opinjoni tat-Tribunal l-appellant tilef minhabba t-tkeccija.

Kif ukoll somma ta' darba biss, u li tkun sostanzjali, biex tikkompensa lill-appellant ghad-danni kollha morali, socjali u psikologici illi huwa sofra u qed isofri kagun ta' l-imgieba tal-Principal.

(2) Is-Sur Alfred Fabri għan-nom tal-Kumpanija Karta Converters Ltd issottometta bir-rispett li fis-sottomissjonijiet Preliminari l-appellant qal li l-kaz kien mibni fuq dawn l-irjus:-

(a) Li ħadd/qatt ma ġibed l-attenzjoni ta' l-appellant dwar nuqqasijiet f'għemilu;
(b) Li meta ttieħdu l-proċeduri dixxiplinari kontra tiegħu l-appellant ma kienx gie mgħarraf bl-akkużi kontra tiegħu;
(c) Li waqt il-proċeduri ma ngħatax iċ-ċans li jiddefendi ruħu.
(d) Li l-proċess fir-rigward tiegħu ma kienx ġust;
(e) Li sab ruħu mwarrab, izolat u mkeċċi minn għajn importanti ta' għixien tiegħu;

Il-kaz ta' l-employer kien ibbazat fuq dan li ġej:

(a) Mill-bidu l-appellant irrezenta l-awtorita tal-principal tiegħu, l-Managing Director;
(b) Ried dejjem li jkollu awtonomija fid-Dipartiment tiegħu tas-Sales mingħajr kontroll ta' ħadd ħlief il-Board of Directors u għalhekk assuma mingħajr awtorita' it-titolu ta' Sales Director;
(c) Ippova jillimita l-awtorita' tal-Managing Director u jindaħal fix-xogħol ta' l-executives l-oħra tal-Kumpanija u għal dan l-iskop ħeġġeġ li tidħol is-sistema ta' executives meetings u s-sistema ta' Joint Managing Directors;
(d) Fittex il-passi ta' l-executives l-oħra;

(e) Il-Board of Directors fil-25 ta' Ottubru 1984 sema rapport tal-Managing Director dwar l-imġieba ta' l-appellant u l-Board wara li sema l-kaz issospenda lill-appellant bil-paga shiha;

(f) F'seduta ohra tal-Board fid-19 ta' Diċembru 1984 inqatgħet li l-appellant jiġi mkeċċi.

Ta' min hawn ifakkar dwar l-istruttura tal-Kumpanija. Il-Kumpanija Karta Converters Limited giet iffurmata f'Jannar 1973 minn tlett gruppi ta' azzjonisti. It-tlett gruppi kienu ta' Denison, Fensons u Paper Products Limited. Fil-kaz tal-gruppi ta' Denison u Fenson (li ma baqgħux jezistu bhala Kumpaniji), l-azzjonisti tal-Karta Converters huma sitt persuni u disgħa persuni rispettivament, waqt fil-kaz ta' grupp ta' Paper Products din il-kumpanija stess saret l-azzjonista ta' Karta Converters. Kull wiehed minn dawn it-tlett cippijiet kellu 15,000 shares fil-Karta Converters Limited u għandu dritt jinnomina numru ugwali ta' diretturi. Ic-Chairmanship tal-Board of Directors kien jintela mid-Direttur ta' kull cippa skond kif imiss. Sa meta ġara li l-appellant tkeċċa, tlieta mid-diretturi kienu executives tal-Kumpanija, jiġifieri s-Sur Edwin Privitera kien Managing Director, is-Sur Charles Fenech Production Manager u s-Sur Anthony Bonello (l-appellant) Sales Manager. Is-Sales Manager kellu assistent, is-Sur Wilfred Privitera li kien ukoll segretarju tal-Board of Directors. Barra dawn kien hemm ukoll Financial Executive, is-Sur Charles Zahra. Il-Kumpanija kienet timpjega b'kollox erbgħin (40) l-impjegat inkluzi l-executives.

.../15

Meta ffurmat il-Karta Converters dahal in vigore ftehim (Dok. 21) li sar bejn l-azzjonisti biex isiru dawn in-nomini ta' executive post holders:

| | | |
|---|---|---|
| Edwin Privitera | - | Managing Director |
| Charles Fenech | - | Factory Manager |
| Wilfred Privitera | - | Assistant Financial Executive |
| Norman Pace | - | Sales Manager |

Il-ftehim kien jghid wkoll li jekk Norman Pace jigi biex jitlaq mill-post, id-diretturi, jekk huma jridu jinnomminaw lil haddiehor, kellhom joffru l-post ta' Sales Manager lil Sebastian Fenech. Il-ftehim specifika li l-persuni nominati kellhom ikomplu fl-impieg taghhom mal-Kumpannija sakemm jirrizenjaw jew sakemm ma jkollhomx l-impieg taghhom mitmum fuq provi li huma kkommettew xi offiza gravi hafna ghad-detriment tal-Kumpannija u b'vot ta' 75% tax-xhareholding f'general meeting.

Sussegwentement Norman Pace spicca mil-post ta' Sales Manager, u Sebastian Fenech ghogbu ma jiehux postu. Il-Bord tad-Diretturi fil-Laqgha taghha tal-25 ta' Lulju, 1974 offrew il-post lis-sur Anthony Bonello li accetta u beda l-impieg tieghu f'Settembru ta' l-istess sena.

Jidher mill-mod li agixxa l-appellant wara li tkecca li baqa' jahseb li l-impieg tieghu kien jaqa' taht il-provvedimenti tal-ftehim dwar l-executive post holders u li seta' biss jigi mkecci b'75 fil-mija tal-voti f'Meeting Generali tal-Kumpannija, kwota li ma setghetx tintlahaq minghajr il-vot tal-Paper Products Limited li taghha kien azzjonista. Dan jidher car mill-ittri li huwa baghat lix-shareholders

tal-Kumpannija fit-13 ta' Jannar, 1985 u lil Karta Converters fil-5 ta' Frar, 1985 fejn talab ghas-salarju tieghu ta' Jannar, u jirrizulta mill-minuti tas-seduta tal-Board of Directors ta' 27 ta' Gunju, 1985.

Bhala record ta' l-appellant fuq xogholu wiehed jista' jghid li fiz-zmien li hu gie nominat bhala Sales Manager, l-appellant kien jitkellem b'mod li huwa kien kapaci jgib ordnijiet ghal "shiploads" ta' exports. Minn dan gieb ftit jew xejn. Ghas-sales lokali ma kienx jiskommoda ruhu wisq imma kellu s-salesmen jaghmlu tajjeb. Meta darba mar Ghawdex fuq xoghlu involva ruhu fil-politika. Bhala regola rari li qatt kien fl-ufficcju tieghu biex jiehu l-feedback mis-salesmen meta jirritornaw mir-rondi taghhom.

Id-dizinvoltura fuq xogholu wasslet li l-assistant tieghu, is-Sur Wilfred Privitera, kien obligat jirraportah lill- Board of Directors fis-seduta taghhom tat-22 ta' Jannar 1981 fejn qal - u l-appellant stess ammetta - li l-appellant kien ilu erba' xhur ma jiehu nteress fix-xoghol tieghu. Anki wara dan ghandna xhieda li l-appellant kien jahdem l-inqas li seta' u kien jattendi ghax-xoghol skond kif kien ikun irid u kif kienu jippermettulu impieci ohra bhal per ezempju l-Lions Club. Anki bhala membru tal-Board tad-Diretturi **l-imgieba** tieghu ma kienetx ezemplari billi kien jaqbad u jitlaq minn seduti kif ifettillu; darba f'Settembru, 1973 irrizenja min President u fl-1978 ghamel boycott tas-seduti.

L-akbar diffikulta li kellu l-appellant kien li ma setax inizzilha li s-Sur Edwin Privitera kien principal tieghu bhala Managing Director u li hu kien jokkupa post subordinat ghalih. Anki qabel ma sar Sales Manager kien ihoss certa superjorita'

fuq il-Managing Director. Kien waqt li hu kien chairman tal-Board of Directors mill-bidu tal-1973 sa Lulju ta' dik is-sena li tqajmet il-kustjoni tal-kummissjoni li s-Sur Edwin Privitera kien jiehu mid-ditta Racolta ghax-xiri tal-karta. Kien f'Lulju ta' dik l-istess sena li bhala chairman tal-Board insista li jindahal fl-amministrazzjoni tal-Managing Director.

Ftit xhur wara li sar Sales Manager, ried juri s-superjorita' tieghu billi hareg Press Statement ghan-nom tal-Kumpannija minghajr ma kklerjah minn qabel mal-Managing Director tieghu. Minn rajh minghajr hadd ma qabbdu qabad u hareg Memo lill-executives fil-25 ta' Frar, 1980 dwar kif ghandhom isiru l-executives meetings. Dan kien indhil fix-xoghol ta' executives ohra. Fil-waqt li fil-Memo ezorta li ma jinzammux minuti hu zammu kien jiccirkola forma ta' minuti tal-meetings minghajr ma qabbdu hadd.

Fil-kaz ta' mpjegat is-sur J. Ferris, li kellu parentela mas-sur Bonello, li tkecca mill-kumpannija fuq kaz ta' serq, l-appellant wahdu kien li mar kontra d-decizjoni tal-Managing Director li kellu jitkecca. Dan ammetih l-istess appellant waqt il-kontro-ezami u juri kif f'dan il-kaz li l-interess tal-Kumpannija kien sekondarju.

Wera bic-car kemm kien jirrizenti lill-Managing Director meta fil-Board Meeting tat-22 ta' Jannar, 1981 u anki f' okkazjonijiet ohra semma li t-titolu ta' Managing Director kienet saret irritanti. L-appellant kien ukoll jurta ruhu meta l-principal tieghu kien jintroducih ma visitors tal-kumpannija bhala "my Sales Manager". F'attentat li jilhaq l-istess livell mal-principal tieghu adotta t-titolu ta'

"Sales Director" biex hekk forsi ma jkunx hemm differenza kbira bejnu u l-Managing Director. Meta l-Managing Director f'xi zmien ried jaghti mbottatura lis-sales u beda jsejjah Sales Meetings fl-ufficju tieghu l-appellant ibbojkottja l-meetings. F'attentat li jgib ruhu fuq livell ugwali mal-Managing Director, l-appellant ghamel zmien li malli l-Managing Director jitlaq mill-fabbrika jitlaq hu wkoll.

X'kien l-ghan ta' l-executives meetings li tant kien akkanit ghalihom l-appellant. L-ewwel nett, wiehed irid jitkellmu fuq koordinament ta' tlett dipartimenti - igifieri, Sales, Production u Accounts. Kif kellu l-opportunita' jara t-Tribunal, il-kapijiet ta' dawn id-dipartimenti kienu kollha fil-qabda. Cans li jitkellmu ma' xulxin kellhom kuljum. Problemi ta' natura gravi ma kellhomx. B'rieda tajba kollox seta jimxi sewwa minghajr diffikultajiet f' azjenda li ma tistax tiddiskriviha bhala kbira. B'dan kollu l-appellant kien akkanit ghal dawn l-executives meetings u fic-cirkolari li hareg hu minn jeddu fil-25 ta' Frar 1980 indika kif jixtieqhom li jimxu.

L-importanti ghalih kien li hadd ma jippressedi f'dawn il-meetings u li l-aspetti kollha tal-management ("any administration, sales, production, welfare or financial problem") kellhom jigu diskussi u azzjoni fuqhom mehuda ovvjament f'isem l-executives bhala grupp. Fil-prattika l-appellant qatt ma ried jiddiskuti sales matters f'dawn il-meetings.

Meta ra li dawn l-executives meetings ma kienux qed iwassluh li jxennen lill-Managing Director, l-appellant hareg bl-idea tal-Joint Managing Directors. Hawn ukoll ic-

cokon tal-Kumpannija rrendiet din l-idea ridikola. L-ghan ta' l-appellant kien li kien jkun jista' jahdem minghajr hadd ma jkun fuqu u fl-istess waqt li jkun jista' jindahal f'setturi ohra tal-Kumpannija b'sistema ta' joint decisions. Fatt stramb hu li waqt il-Kontro-ezami s-sur Bonello cahad kategorikament li hu qatt kien hareg b'din il-proposta. Kontra dan ghandna ix-xhieda ta' Joseph Fenech, ta' Wilfred Privitera u dak li rrizulta li qal l-appellant stess waqt board meeting tal-22 ta' Jannar, 1981.

B'dan kollu kif naraw izjed il-quddiem fl-10 ta' Ottubru 1984 qabad u ndahal b'mod indelikat fil-kustjoni ta' l-attendenza tal-impjegati fil-jum ta' strike. Ghalkemm fix-xhieda tieghu l-appellant ipprova jaghti l-impressjoni li l-kollegi tieghu heggew biex certi mpjegati ma jidhlux ghax-xoghol dak inhar ta' l-istrajk u li hu kien l-uniku executive li dahal ghax-xoghol, hemm ix-xhieda ta' Tony Borg, Alfred Vassallo u Charles Bonnici li jikkontradixxu dak li qal. Dan l-agir tieghu, bhalma kien l-indhil tieghu fuq travel expenses ta' shabu u l-attendenza tal-Managing Director u l-Production Manager, kien aktarx motivat mill-idea li kellu li hu kien l-izjed executive effiċjenti u li l-ohrajn ma kienux denji li joqghodu hdejh. Tant hu hekk li sahansitra fl-okkazjonijiet tal-festin tal-Milied spjega lil-impjegati ghaliex huwa ma kienx jassoċja ruhu ma' l-executives l-ohra. u jattendi maghhom f'okkazjonijiet bhal dawn. Mill-banda l-ohra kull meta d-diretturi kienu johorgu jieklu flimkien ghal dawn l-okkazjonijiet kien jinghaqad mad-diretturi minkejja dak li kien spjega lill-impjegati.

Wiehed sewwa forsi isaqsi ghaliex il-principal ta' l-appellant kien daqshekk tolleranti fir-rigward ta' l-appellant.

Kienet dejjem ix-xewqa tal-Managing Director li ma jkunx hemm inkwiet fil-fabbrika. L-appellant kien jaf li s-Sur Privitera kien oppona ghall-hatra tieghu ta' Sales Manager. Il-fatt li t-tnejn kienu anki membri tal-Bord of Directors influwixxiet fuq l-agir tal-Managing Director. Ghalhekk is-Sur Privitera dejjem mexa bil-prudenza anki meta kellu jwissih verbalment li ma kienx darba jew tnejn. Fejn seta' jaghlaq ghajnejh ghalaqhom. Kien biss meta f'Ottubru 1984 inqalghu tlett cirkostanzi li s-Sur Privitera kien kostrett li jitlob seduta tal-Board biex tiehu passi kontra l-appellant.

Fl-10 ta' Ottubru, 1984 kien hemm strike generali u l-appellant minghajr hadd ma qabbdu, minghajr ma kien id-dover tieghu u minkejja li l-executives kollha attendew ghad-doveri taghhom, qabad u ndahal biex jigbor informazzjoni ta' min attenda ghax-xoghol u min ma attendix. Dakinhar stess, ghax tal-canteen ma attendix, l-executives fuq stedina tal-Managing Director hargu jieklu f'nofsinhar. Ghalkemm l-appellant kien mistieden, hu ma attendiex dakinhar waqt li drabi ohra kien hareg jiekol a spejjez tal-Kumpannija. Meta xi jumejn wara l-Managing Director iffirma cheque ghall-ispejjez ta' l-ikla u c-cheque gie ghand l-appellant biex jaghmel it-tieni firma dan irrifjuta jiffirmah u tefa' c-cheque ma' l-art fil-prezenza tal-Managing Director u impjegati ohra.

Dan ma kienx bizzejjed. Ftit jiem wara s-Sur Edwin Privitera kellu jitla' Londra minhabba li missieru kellu bzonn xi kura hemm. Qabel ma telaq instema fuq it-telefon jaghti n-numru tat-telefon tieghu tad-dar lil Mr. Ziros li kien jirraprezenta ditta li kient tissupplixxi l-karta. Dan id-diskors semghu l-appellant u waqt li s-Sur Edwin

Privitera kien imsiefer, l-appellant kien ghamilha ċara fil-presenza ta' executives oħra, fosthom is-Sur Charles Zahra il-Financial Controller u s-Sur Charles Fenech, Production Manager li hu, l-appellant, kien qed jissuspetta fil-Managing Director u s-safra tiegħu. Din l-allegazzjoni ta' l-appellant ħadha bis-serjeta l-Financial Controller u ħadha bis-serjeta l-Production Manager. Dan ta' l-aħħar li kien membru tal-Board of Directors deherlu li kienet materja għal-kunsiderazzjoni tal-Board.

Meta ġie lura mis-safra s-Sur Edwin Privitera u qalulu bl-allegazzjoni li l-appellant għamel li s-safra tal-Managing Director "kienet tinten", is-Sur Privitera talab Board Meeting fil-25 ta' Ottubru 1984 b'urgenza. Ta' min wieħed jinnota li fix-xhieda tiegħu s-sur Bonello ċaħad li qal dan id-diskors. Fi kliemu stess "li tinten u mhux tinten mhux jien għidtha." Kontra dan għandna ix-xhieda ta' Charles Zahra, Andrew Magri Overend, Charles Fenech u dak li indika waqt Board meeting tal-25 ta' Ottubru 1984 meta ġie rappurtat li qal li "it was his duty to investigate such matters".

Jumejn qabel il-Board meeting is-Sur Privitera qal lis-Sur Joseph Pace l-għala talab il-meeting u qallu biex javza lill-appellant bil-Board Meeting u r-raġuni għaliex kien se jsir. Dan is-Sur Pace għamlu . Il-filgħodu tal-Board Meeting, l-appellant daħal fl-uffiċċju tas-Sur Privitera fejn kienu prezenti Charles Fenech, Edwin Privitera u Wilfred Privitera u qalilhom "X'inhi l-konfoffa kontra tiegħi?" U għamel mossa b'ġismu biex juri li kien jaqa' u jqum mill-Board forsi għax kien jaħseb dak iż-żmien li l-Board ma kellux jedd fuqu.

Fis-seduta tal-25 ta' Ottubru 1984 il-Board sema t-tlett

akkużi u wara li l-appellant irrisponda għalihom, il-Board b'4 voti favur, vot kontra u astenzjoni waħda għadda risoluzzjoni li biha l-appellant ġie sospiż bil-paga sħiħa.

F'seduta tal-Board fid-29 ta' Novembru 1984 (Dok. 24), l-appellant ingħata ċans ieħor li jitkellem fuq il-każ tiegħu. F'dik is-seduta kellu ċans li japoloġizza jew jirrizenja. Hu għażel li jieħu tiegħu biss. L-istess ġara fis-seduta ta' l-19 ta' Diċembru 1984 (Dok 25) u l-Board, wara li sema' x'kellu x'jgħid l-appellant fi tlett seduti, f'dik is-Seduta ddeċieda jkeċċih b'4 voti favur u xejn kontra. Peress li l-appellant kien ħareġ mis-seduta qabel il-vot, harġitlu ittra ta' tkeċċija fl-20 ta' Diċembru 1984.

Wara sensiela ta' "Newsletters" u ittri oħra lix-shareholders tal-Kumpanija fuq il-każ tiegħu mibgħuta mill-appellant, ix-shareholders f'General Meeting fis-27 ta' Frar 1986 (Dok 32) għaddew risoluzzjoni unanima fejn ikkonfermaw l-azzjonijiet kollha li l-Board tad-Diretturi ħadu fil-każ ta' l-appellant.

Issa ħalli naraw il-Każ ta' l-appellant. L-appellant qal fil-Statement of Case tiegħu li ħadd qatt ma ġibidlu l-attenzjoni tiegħu dwar għemilu. Dan mhux veru għax almenu f'każ wieħed fis-seduta tal-Board tat-22 ta' Jannar 1981 (Dok 22) sarlu rapport fil-Board. Jidher mix-xhieda li l-imġieba ta' l-appellant kienet diskuss f'xi Board Meetings mingħajr ma nżamm record ta' dak li ntqal. Anki jekk dan ma sarx m'aħniex qed nittrattaw b'każ ta' impjegat junior li toħroġlu warning bil-miktub. Hawnhekk għandna każ ta' Senior executive, parti mill-management, ta' bniedem li jmissu kellu d-dehen bizzejjed biex jgħaraf il-posizzjoni tiegħu, jaqdi

dmiru bil-lealta', jirrispetta s-superjuri tieghu u jahdem id f'id ma' shabu. Barra s-seduta tal-Board ta' Jannar 1981, ghandna x-xhieda tal-Managing Director li mhux darba jew tnejn kellmu ras ma' ras dwar l-imġieba tieghu lejh.

L-appellant qal li ma kellux ċans li jkun jaf l-akkuzi kontra tieghu. Aparti mill-fatt li siehbu, id-direttur l-iehor tal-Paper Products, is-Sur Josie Pace avzah fuq talba tas-Sur Edwin Privitera ghaliex issejhet is-seduta ta' Ottubru 1984. Dakinhar tas-seduta fil-ghodu kien mar hu stess l-ufficju u ghamel dik il-mossa ta' sfida kif diga' gie spjegat. Anki jekk per ipotesi ma kienx jaf x'gej ghalih fil-25 ta' Ottubru ghaliex hareg jisfida fil-ghodu? Ghadda izjed minn xahar ghas-seduta tad-29 ta' Novembru meta ghal darba ohra tkellem biex jiddefendi ruhu fuq akkuzi li kien jaf bihom. F'dik is-seduta ma ttiehdet ebda decizjoni u kellu tlett gimghat ohra sas-seduta tas-19 ta' Dicembru, meta rega' tkellem u ddefenda ruhu. Qatt ma haseb biex japologizza u b'hekk jwitti t-triq biex l-affarijiet jikkwetaw. Tah parir jaghmel dan siehbu tal-Paper Products, is-Sur Josie Pace, u ma tahx widen. Anzi kien lok li jirrizenja minn rajh meta ra li tilef il-fiducja tal-maggoranza tal-membri tal-Board.

Ghalhekk naraw m'hux biss kien jaf x'akkuzi kellu qabel l-ewwel seduta, imma zgur kien jafhom qabel l-ahhar seduta. Il-fatt li l-kaz instema matul tlett seduti (u li l-ewwel seduta bdiet fl-4.00 p.m. u spiccat fis-1.30 ta' filghodu li hu stess irreferi ghalih "Board meeting maratona" - 7/11/87 - p. 37) juri li l-affarijiet ma sarux bil-ghaggla. F'kull wahda minn dawk is-seduti kellu cans jitkellem u jiddefendi

ruhu. Is-seduti saru mill-Board li kien organu li kellu l-poteri jisma' u jiddeċidi l-każ. Il-fatt li wara s-sospensjoni tieghu fil-25 ta' Ottubru kellu okkazzjoni jitkellem mal-Board fuq il-każ tieghu juri li la kien izolat u l-anqas imwarrab b'mod li kien jimpedih li jiddefendi ruhu.

Mindu spicca l-appellant mill-impieg tieghu, il-Kumpannija sabet li facilment setghet tghaddi minghajru u ma mpjegat lil hadd floku. Daqshekk kien utili ghall-Kumpannija. Anzi wara li telaq l-appellant is-sales tal-Kumpannija zdiedu u l-atmosfera fil-Kumpannija tjiebet minkejja li l-kompetizzjoni hraxxet. Mhux hekk biss imma minkejja dak li qal is-sur Bonello li hu kien responsabbli li kull sena kien johrog prodott gdid, mindu spicca mill-kumpannija, il-Karta Converters harget minn ta' l-anqas sitt prodotti godda.

Ghalhekk il-Kumpannija titlob lit-Tribunal li jaccetta li l-imgieba ta' l-appellant rrendietu mhux denn u ta' hsara li jibqa' wiehed mill-executives tal-Kumpannija u li t-tlett incidenti li fuqhom il-Board of Directors iddecieda li jkeccih kienu ta' gravita' sostanzjali mnirati biex ixejnu l-awtorita' tal-principal tieghu. Il-Kumpannija thoss li agixxiet b'mod gust u titlob it-Tribunal li tirrespingi t-talba ta' l-appellant.

## 6. KONSIDERAZZJONIJIET TAT-TRIBUNAL INDUSTRIJALI

(1) Fit-tip ta' struttura bhal ma hi ta' Karta Converters Limited kif spjegaw iz-zewg partijiet fis-Sottomissjonijiet Preliminari u Finali taghhom bilfors jezistu interessi personali bejn individwi li jiffurmaw cippa u nteressi ta'

kull cippa bhala grupp azzjonista. F'dan il-kaz, wahda mit-tliet cippijiet hija kumpannija ta' responsabilita limitata, Paper Products Co. (Malta) Ltd., li l-azzjonisti taghha ghandhom interessi kemm individwali fiha stess u kif ukoll bhala kumpannija azzjonista f'Karta Converters Ltd.

L-amministrazjoni u r-relazzjonijiet industrijali ta' kumpannija bhal Karta Converters Ltd., iridu jkunu hafna aktar fuq bazi ta' "consensus" kemm fil-laqghat tal-Bord tad-Diretturi, kif ukoll f'dawk ta' l-azzjonisti u anke f'livelli ohrajn bhalma huma laqghat ma' l-'executives' jew haddiema. Strategija ghat-tmexxija ta' kumpannija bhal Karta Converters Ltd. ghandha tkun differenti minn dik ta' kumpannija purament familjari jew kumpannija ta' individwi li mhumiex membri ta' l-istess familja jew kumpannija ta' individwi mhux familjari jew kumpannija pubblika.

Huwa zgur li 'management' ta' stil dettatorjali jew familjari jew 'onchalant' johloq problemi serji ghad-detriment tal-kumpannija b'din l-istruttura. 'Management' arroganti huwa management problematiku ghal kull tip ta' kumpannija specjalment fiz-zmienijiet progressivi bhalma d-dinja ilha tghaddi minnhom.

Fl-isfond tar-relazzjonijiet industrijali, ir-rieda tajba, id-diplomazjia u fuq kollox l-agir gust, imma ddixxiplinat, tal-Managing Director ghandhom kwazi l-akbar sehem biex jigi evitat il-holqien ta' fazzjonijiet (factions) bejn id-diretturi jew l-azzjonisti, kif ukoll inkwiet bejn l-executives u haddiema ohrajn.

.../26

It-Tribunal Industrijali huwa tal-fehma li inholqu **fazzjonijiet (factions)** bejn diretturi u azzjonisti fil-kaz li ghandu quddiemu dan it-Tribunal Industrijali min-habba nuqqas kbir ta' komunikazzjoni u d-djalogu necessarju ghall-ftehim minghajr inkwiet - jigifieri, ghal-consensus, b'gid ghall-partijiet kollha, minflok **konfrontazzjoni.**

(2) Il-kumpannija sottomettiet li mill-bidu l-Appellant irrezenta l-awtorita' tal-principal tieghu, il-Managing Director; li ried ikun awtonimu billi jaqgha dirett taht il-Bord tad-Diretturi u ghalhekk assuma minghajr awtorita' t-titolu ta' Sales Director.

L-Appellant, is-Sur Anthony M. Bonello, gie impjegat bhala 'Sales Manager' mal-Kumpannija, Karta Converters Ltd. fis-16 ta' Settembru, 1974 u tkecca fil-31 ta' Dicembru, 1984 - jigifieri, wara ghaxar (10) snin u hmistax (15) il-gimgha b'salarju ta' erba' t'elef tliet mija u sitta u ghoxrin liri Maltin (LM4326) fis-sena.

It-Tribunal Industrijali ha fil-konsiderazzjoni tieghu li l-incidenti li l-Managing Director ressaq quddiem il-Bord tad-Diretturi bhala kaz ta' tkeccija tas-Sales Manager (l-Appellant, is-Sur A.M. Bonello) kienu wara l-10 ta' Ottubru, 1984 fuq primarjament diskors li sar bejn l-Appellant, is-Sur Anthony M Bonello, u d-Direttur Esekutiv, is-Sur Charles Fenech, fir-rigward ta' telefonata li saret bejn il-Managing Director, is-Sur Edwin Privitera, u s-Sur Ziros, li kien jissuplixxi l-karta ghall-produzzjoni tal-prodotti li timmanifattura l-kumpannija, Karta Converters Ltd; u, incident iehor li fih l-Appellant, fil-kapacita' tieghu bhala direttur, irrifjuta li jiffirma cheque. Dawn iz-zewg incidenti graw f'perjodu ta' inqas minn tliet xhur

qabel it-tkeccija ta' l-Appellant, is-Sur Anthony M. Bonello, minn mal-kumpannija, Karta Converters Ltd. Kienu dawn iz-zewg incidenti li galu lill-Managing Director u lid-Direttur is-Sur Charles Fenech, iqajmu il-Kwistjoni tas-sur Anthony M. Bonello fil-Bord tad-Diretturi, minghajr qabel lanqas biss ippruvaw jiddiskutu il-kaz mas-sur Anthony M. Bonello bhala tliet Diretturi Esekuttivi li jifformaw it-'Top Management' tal-Kumpannija u li flimkien kienu responsabbli lejn il-Bord tad-Diretturi bhalma l-Bord huwa responsabbli lejn l-azzjonisti ghal certu decizjonijiet.

Ir-rifjut tal-firmar ta' cheque kien ikkagunat minn certu manjeri u kliem uzati waqt diskussjoni shuna li saret fl-ufficju generali (fis-sens li kien hemm nies ohra) bejn il-Managing Director, is-Sur Edwin Privitera, u l-Appellant, is-Sur Anthony M. Bonello. Il-Managing Director imissu uza l-prudenza u ghajjat lis-sur Bonello fl-ufficju tieghu, ghalaq il-bieb u, bil-'bona fede' kollha, stharreg ir-raguni ghaliex direttur mieghu fil-kumpannija irrifjuta li jifferma cheque. Barra minn hekk, il-Managing Director imissu rrifletta li kienet x'kienet ir-raguni, rifjut ta' firma fuq dokument, cheque, minuti ta' laqgha, ecc. huma prerogattiva ta' min jiffirma. Kieku ma kienx hekk, kieku l-iskop ta' kumpannija li it-'terza persona' ma tessegwix ordni ta' pagament jekk ma jkunx hemm il-firem necessarji skond l-istruzzjonijiet tal-Bord tad-Diretturi tal-Kumpannija, ma jibqax u minflok l-ordni issir ordni dittatorjali ta' xi persuna.

Ghaldaqstant, waqt li t-Tribunal ma jidholx fil-meriti tar-raguni tar-rifjut innifsu, it-Tribunal ihoss li mhux korrett li s-Sur Bonello jigi kkundannat li ghamel xi insubbordinazzjoni lejn l-awtorita' tal-Managing Director

ghaliex irrifjuta li jifferma cheque. Il-Managing Director kellu jizen tajjeb ir-raguni, jiddiskutija u jwaqqaf il-kaz hemm jekk jasal fi ftehim jew irressaq il-kaz quddiem il-Bord tad-Diretturi wara li jkun ezawra r-ragunamenti kollha u s-Sur Bonello ma cediex. X'kienet tkun is-sitwazzjoni f'xi kaz iehor fejn is-sur Bonello ifferma cheque u il-Managing Director irrifjuta li jiffirmah?

Inqalet krisi ghaliex is-Sur Bonello dahhal dubju fuq il-Managing Director b'kelma li mhiex raffinata fil-lingwa. Izda s-Sur Bonello dan id-diskors ghamlu mas-Sur Charles Fenech, Direttur Esikuttiv bhalu, li ha il-linja li jara l-kaz mal-Managing Director malli jigi minn barra. Meta s-Sur Charles Fenech kellem lil-Managing Director, is-Sur Edwin Privitera, dan ta' l-ahhar inissu baghat ghas-Sur Bonello fil-prezenza tas-Sur Charles Fenech biex jara x'gara, u wara, jekk ikun hemm bzonn jiltaqghu id-diretturi kollha, anke dawk li ma kellhomx kariga esekuttiva, mall-Managing Director, is-Sur Edwin Privitera; il-Production Manager/Direttur, is-Sur Charles Fenech; u s-Sales Manager/ Direttur, is-Sur Anthony M. Bonello, biex jiddiskutu l-materja fid-dettal, kif ukoll jghajtu persuni li setghu jkollhom xi nformazzjoni fuq il-kaz, sabiex jikkonfermaw id-dubju u jew jiehdu l-mizuri necessarji jew inehhu d-dubju darba ghal dejjem u kollox jirritorna ghan-normal. Minflokk saret laqgha tal-Bord tad-Diretturi li skond ix-xhieda u dokumenti la kellha kap u lanqas kuda.

Rigward il-pont li sottomettiet il-Kumpannija li l-Appellant ghamel lilu nnifsu 'Sales Director', it-Tribunal Industrijali isostni li fil-prattika din nomenklatura ghaqdet il-parti esekuttiva ta' Sales Manager mall-parti

legali ta' direttur, izda ma dahalx f'meriti ohra li ma ghandhomx x'jaqsmu mal-kaz. It-Tribunal innota li l-Appellant uza l-istess linja fir-rigward tal-Production Manager meta saru l-karti ntesstati tal-Kumpannija. It-Tribunal qieghed jirreferi ghall-Production Manager ghaliex hu fl-istess pozizjoni ta' l-Appellant - jigifieri, Production Manager u Direttur. Il-Managing Director kien appuntat f'din il-kariga permezz ta' ftehim civili wara li giet iffurmata il-Kumpannija. Jekk kien hemm xi oggezzjoni fuq l-uzu tal-kelma '(Sales)' wara l-isem tas-Sur Anthony M. Bonello bhala Sales Manager u Direttur, kellu jkun hemm l-istess oggezzjoni ghal-kelma '(Production)' wara l-isem tal-Production Manager u Direttur, is-Sur Charles Fenech, li lanqas hu stess ma ghamel l-ebda oggezzjoni.

Il-Kumpannija ssottomettiet dan bhala wiri ta' awtonomija rikjesta mill-Appellant. Allura ghaliex il-Bord tad-Diretturi u b'mod specjali il-Managing Director ma waqqafx li jigu stampati l-karti ntesstati? Jekk l-Appellant ghamel dan minghajr qbil tal-Managing Director, ghaliex ma tqajmetx din il-kwistjoni f'laqgha tad-Diretturi fiz-zmien li saru l-karti ntesstati, apparti milli kellu jkun hemm diskussjoni kostruttiva bejn il-Managing Director u s-Sales Manager/Direttur fuq il-pont bhala amministrazzjoni serja ta' materja ta' kull jum? Dan ifisser li l-Managing Director u l-Bord tad-Diretturi kienu jew qablu mal-forma tal-karta ntestata kif ghamilha l-Appellant, jew baqghu indifferenti. Izda meta wara zmien li l-karta ntestata kienet ila tintuza, ghal ragunijiet ohrajn l-accettazzjoni jew indifferenza ghall-format tal-karta ntestata saru kundanna ta' l-agir ta' l-Appellant.

Il-Kumpannija qalet li l-Appellant ipprova jillimita l-awtorita' tal-Managing Director u jindahal fix-xoghol

ta' l-executives l-ohra tal-Kumpannija u ghal dan l-iskop heggeg li tidhol is-sistema ta' l-executives meetings' u s-sistema ta' Joint Managing Directors. It-Tribunal huwa tal-fehma li fl-interess tar-relazzjonijiet industrijali, ma hemm xejn hazin, anzi huwa tajjeb li jsiru laqghat tal-management li jinkorporaw id-Diretturi Esekuttivi u l-Esekuttivi li mhumiex Diretturi skond il-bzonn. Management tajjeb ghandu dejjem jipprova li jiehu informazzjoni kemm jista minn haddiema fil-livelli kollha u jghati l-informazzjoni relevanti li jista lill-haddiema fl-livelli differenti. Dan il-metodu johloq it-'teamwork' necessarju biex jissolvew problemi u jigu ffertilizzati l-ideat waqt li tigi migbura f'daqqa l-esperjenza ta' individwi biex azjenda tghati produzzjoni jew servizz professjonali u l-haddiema u min ihaddem jizwuluppaw relazzjonijiet industrijali serji u ddixxiplinati bl-iskop li l-Kumpannija tmur il-quddiem ghall-gid ta' kullhadd.

Lanqas ma kien hemm xejn hazin li Direttur jaghmel suggeriment ghal-'Joint Managing Directors'. Fil-fatt, il-Bord tad-Diretturi baghat dan is-suggeriment u qabbad ditta professjonali ta' esperti fis-suggett, u wara li sar rapport li gie studjat mill-Bord tad-Diretturi, is-suggeriment ma giex attwat.

Dan gara aktar minn tliet snin qabel it-tkeccija ta' l-Appellant li accetta dan ir-rapport u baqa' fil-Kumpannija bhala Direttur u Sales Manager. It-Tribunal Industrijali ma jistghax jaccetta kuncett li suggeriment li rrizulta f'rapport ghad-diskussjoni fil-Bord tad-Diretturi huwa b'xi mod nuqqas ta' rispett lejn l-awtorita' tal-Managing Director. Fil-fatt, il-Managing Director u l-Bord tad-Diretturi ma

.../31

irrifjutawx is-suggerimenti qabel ma sar ir-rapport midditta ta' l-esperti, li fih tpogga fil-mizien it-tajjeb u l-hazin tal-kuncett.

Il-kumpannija ssottomettiet li l-Appellant, is-Sur Anthony M. Bonello, fittex il-passi ta' l-executives l-ohra. It-Tribunal huwa tal-fehma li meta l-Appellant, is-Sur Anthony M Bonello, ha dettalji tal-haddiema li dahlu ghax-xoghol f'gurnata partikolari li kellha sinifikat industrijali, ghamel dan fil-kariga tieghu ta' Direttur u mhux bhala Sales Manager. It-Tribunal ihoss li id-Diretturi l-ohra, specjalment il-Managing Director, kellhom jinteressaw ruhhom bl-informazzjoni minflok jiehdu ghalihom u joholqa bazi ta' kundanna. Amministrazzjoni serja ma ghandhiex iccedi ghall-emozjoni, izda ghandha tahseb b'mohha.

Mix-xhieda li dehret quddiem it-Tribunal u d-dokumenti ipprezentati, it-Tribunal Industrijali ma jistghax jikkonsidera li l-atmosfera tal-laqgha tal-Bord tad-Diretturi li saret fil-25 ta' Ottubru, 1984, meta l-Appellant gie sospiz, kienet wahda fejn l-Appellant setgha jiddefendi ruhu. Fil-fatt, il-minuti tal-laqgha ma tantx jispjegaw x'gara ezatt fil-laqgha li skond ix-xhieda damet hafna. It-Tribunal Industrijali, wara studju ta' x'qalu x-xhieda u dokumenti, huwa tal-fehma li l-Bord tad-Diretturi iltaqa biex jesegwixxi sentenza u mhux biex jistharreg kaz ta' importanza li jgorr mieghu responsabilita gravi ta' tkeccija mill-impieg. Jidher car li l-Bord tad-Diretturi ha opportunita minn cirkostanzi li qatt ma kellhom iwasslu ghat-tkeccija mill-impieg tas-Sur Anthony M. Bonello bhala Sales Manager. fil-laqgha tad-19 ta' Dicembru, 1984 li nzammet fl-istess atmosfera bhall-laqgha ta' qabilha tad-29 ta' Novembru, 1984.

.../32

Dan jissahhah bil-fatt illi l-Bord tad-Diretturi ma riedux jiltaqghu ghal-laqgha ta' rikonciljazzjoni quddiem id-Dipartiment tax-Xoghol u Emigrazzjoni, kif kitbu f'ittra iffermata minn hames Diretturi u li ggib id-data tat-28 ta' Ottubru, 1985 u li biha appontaw lil-Managing Director biex jidher ghan-nom taghhom, izda l-Managing Director ma deher qatt u l-laqgha ta' rikonciljazzjoni mad-Direttur tax-Xoghol u Emigrazzjoni ma saretx. Dan kien wara l-laqgha li saret fid-Dipartiment tax-Xoghol fl-24 ta' Ottubru, 1985, meta s-Sur Edwin Privitera qal li "ghalih m'ghandux interess li jarah (lis-Sur Bonello) lura".

It-Tribunal Industrijali kkonsidra li dan l-agir tal-Managing Director huwa deplorabbli u minghajr l-ebda sens ta' management professjonali. Barra minn dan, agir ta' din ix-xorta ma jaghmel l-ebda kreditu lil xi kumpannija fl-isfond tar-relazzjonijiet industrijali, kemm fil-livell normali u lanqas fil-livell gholi fejn barra iz-zewg partijiet tidhol l-awtorita tal-pajjiz biex tikkoncilja fil-kaz.

Il-Kumpannija ssottomettiet li l-Appellant kien jaghmel li jrid, jidhol x'hin irid u jitlaq x'hin irid. Jekk din l-allegazzjoni hija genwina, it-tort huwa kollu tal-Managing Director li ma waqfux mill jaghmel dan. Fil-fatt, l-Appellant, is-Sur Anthony M Bonello, qatt ma qala xi warning skond in-normi maghrufin minn min ihaddem, minn min jahdem u mit-trade unions f'perjodu ta' aktar minn ghaxar (10) snin.

(3) It-Tribunal Industrijali kkonsidra s-sitwazzjoni ta' meta l-Assistant Sales Manager, is-Sur Wilfred Privitera (hu l-Managing Director), irraporta lis-sur Anthony M.

Bonello, Direttur u Sales Manager, lill-Bord tad-Diretturi minghajr qabel ma qal xejn lis-superjur immedjat tieghu, is-Sales Manager. Agir bhal dan mhux biss huwa deplorabbli fl-isfond ta'kull tip ta' relazzjonijiet industrijali, izda jikkonferma li la l-Managing Director u lanqas il-Bord tad-Diretturi ma japplikaw normi ta' amministrazzjoni, izda jmexxu skond kif jifhmu minn mument ghall-iehor u minghajr l-ebda principju.

(4) Il-Kumpannija ssottomettiet li l-Appellant ma setghax inizzilha li s-Sur Edwin Privitera kien principal tieghu bhala Managing Director u li hu jokkupa post subordinat ghalih. It-Tribunal Industrijali jhoss li din hija verzjoni unilaterali u li l-Kumpannija ma ppruvatx.

(5) Il-Kumpannija ssottomettiet li l-Managing Director dejjem xtaq li ma jkunx hemm inkwiet fil-fabbrika u li l-Appellant, is-Sur Bonello, kien jaf li s-sur Privitera kien oppona ghall-hatra tieghu bhala Sales Manager. It-Tribunal Industrijali huwa tal-fehma li kienu x'kienu l-opinjonijiet ghaxar snin qabel it-tkeccija, is-sur Bonello gie mpjegat Sales Manager u accettat mid-Diretturi, inkluz il-Managing Director, is-Sur Privitera, nnifsu. Il-Kumpannija ma giebet l-ebda provi kontra. Ghal-kuntrarju, il-Kumpannija ma cahdetx li s-Sur Bonello nqala minn impieg iehor sod u professjonali biex imur mal-Karta Converters Ltd. ghax inhass il-bzonn li jsir dan ghall-gid tal-Kumpannija.

7. DECIZJONI U AWARD

It-Tribunal Industrijali, wara li ddelibera fit-tul dak li qalu iz-zewg partijiet u x-xhieda fl-erbgha u ghoxrin (24) seduta u studja id-dokumenti kollha pprezentati miz-zewg partijiet waqt is-smiegh tal-kaz, huwa moralment cert li t-tkeccija ta' l-Appellant, is-Sur Anthony M. Bonello, mill-impieg ta' Sales Manager kienet ingusta u mhux skond il-ligi.

Skond l-Artikolu 33 ta' l-Att XXX ta' 1976, it-Tribunal Industrijali jordna lill-Kumpanija, Karta Converters Ltd., thallas kumpens ta' tmint elef u sitt mitt Lira Maltin (Lm8,600) lill-Appellant, is-Sur Anthony M. Bonello. Erba' telef u sitt mitt Lira Maltin (Lm4,600) ghandhom jithallsu sal-31 ta' Awissu, 1988 u l-bilanc ta' erba' telef Lira Maltin (Lm4,000) ghandhom jithallsu bir-rata ta' elf Lira Maltin (Lm1,000) fix-xahar sal-31 ta' Dicembru, 1988.

B'din id-decizjoni, it-Tribunal Industrijali itemm din it-tilwima tax-xoghol.

ANTHONY J BARTOLO
Chairman

EDWIN SPITERI
Segretarju

/ms